



19.4.2010

0028/2010

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar il-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità

**Sandrine Bélier, Anne Delvaux, Jan Gerbrandy, Karin Kadenbach, Arsenis  
Kriton**

Data ta' skadenza: 19.7.2010

**0028/2010**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-konservazzjoni tal-bijodiversità tikkontribwixxi għat-taffija tal-faqar, is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel, u hija ta' benefiċċju għall-ħajja kollha fid-dinja,
- B. billi l-mira stabbilita mill-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) li sal-2010 jintlaħaq tnaqqis sinifikanti tar-rata attwali tat-telf tal-bijodiversità għadha ma ntlaħqitx,
- C. billi n-Nazzjonijiet Uniti ddikjaraw li s-sena 2010 hija s-Sena Internazzjonali għall-Bijodiversità,
  1. Jitlob li tiġi inkorporata mira tal-bijodiversità bħala pilastru ċentrali tal-Istrateġija tal-UE għall-2020;
  2. Jitlob li tiġi stabbilita Strateġija tal-Bijodiversità Ewropea għall-2011-2017 b'miri li jistgħu jitkejlu, indikaturi u struttura ta' governanza effettiva u li fiha l-Parlament ikollu rwol imsaħħaħ biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħha;
  3. Jistieden lill-Istati Membri biex jilhqqu ftehim dwar mira ambizzjuża għall-2020 u viżjoni għall-2050 għall-Istrateġija tal-Bijodiversità Globali li jmiss, li se tiġi negozjata fl-Għaxar Konferenza tal-Partijiet tas-CBD f'Ottubru f'Nagoya (il-Ġappun);
  4. Jitlob li tissaħħaħ il-kundizzjonalità bejn il-politiki settorjali u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar in-natura u l-ambjent tal-UE bħala kundizzjoni għall-allokazzjoni ta' fondi tal-UE;
  5. Jitlob li jkun hemm miżuri Komunitarji biex tittiejeb il-konnettività ekoloġika u r-reżiljenza tal-ekosistemi għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tar-riżorsi tal-ħamrija u l-ilma u l-introduzzjoni ta' speċijiet eżotiċi invażivi;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.